MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1524/1997/1

**Sylvana Farrugia**

**vs**

**Joseph Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ilhom mizzewga mis-sena 1975 u minn dana z-zwieg twieldu tlett itfal li minnhom tnejn huma minorenni, u cioe' David ta' 16-il sena u Denise ta' 8 snin.

Illi l-konvenut zewgha bhalissa qieghed jiskonta zewg sentenzi ta' prigunerija - wahda ta' 12-il sena u l-ohra ta' 7 snin - fil-Habs Civili ta' Kordin.

Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet giet reza impossibbli minhabba inkompatibbilita' ta' karattru kif ukoll minhabba f'adulterju, swat, sevizzji u ingurji gravi da parti tal-konvenut zewgha u peress li l-konvenut zewgha gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal aktar minn sena.

Illi l-attrici trid tissepara ruhha definittivament minn mal-konvenut zewgha u ghal dan l-iskop otteniet mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili l-awtorizzazzjoni mehtiega ghall-prezenti procedura, u dana skond digriet numru 647/97 tat-3 ta' Gunju 1997, li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa mmarkata dokument "SF 1 ".

Illi l-attrici tixieq ukoll titlob li l-kura u l-kustodja ta' bintha l-minorenni Denise ta' tmien (8) snin li diga' giet fdata temporanjament fil-kura u l-kustodja taghha bis-sahha tal-istess digriet.

Illi l-attrici tixtieq li jkollha d-dritt esklussiv li tghix fil-fond matrimonjali Block 4, Flat 5, Saint George's Bay, Saint Julians, u dana bl-eskluzjoni tal-konvenut zewgha

Illi *ai termini* tal-imsemmija awtorizzazzjoni l-attrici qed tipprezenta din l-istanza ghas-separazzjoni personali minn mal-konvenut zewgha.

Illi l-attrici talbet li ghalhekk l-istess konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l'Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzioni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba inkompatibilita' ta' karattru kif ukoll minhabba f'adulterju, swat, sevizzji u ingurji gravi da parti tal-konvenut zewgha u peress li l-konvenut zewgha gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal aktar minn sena;

2. Tordna ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti;

3. Tordna l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti u tassenja parti wahda lill-attrici, u ohra lill-konvenut, u dana mhux necessarjament fi kwoti ugwali;

4. Tordna lill-konvenut zewgha sabiex meta jiskonta l-pieni karcerarji u jerga' jibda jahdem ihallasha retta alimentarja li tigi stabbilita minn dina l-Onorabbli Qorti, u dana kemm ghaliha kif ukoll ghal bintha Denise,

5. Tiddikjara li l-attrici ghandha d-dritt esklussiv li tghix fil-fond matrimonjali li huwa Block 4, Flat 5, Saint George's Bay, Saint Julian’s, u dan bl-eskluzjoni tal-konvenut zewgha

6. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif provdut fl-**artikoli 48, 50, 51 u 52 tal-Kodici Civili** jew dawk applikabbli ghall-kaz in ezami;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 13 tal-process;

Rat li ghalkemm il-konvenut Joseph Farrugia gie notifikat fl-10 ta’ Settembru 1998 bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u bic-citazzjoni attrici huwa baqa’ ma pprezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem il-Qorti tad-9 ta’ Frar 1999 u tat-22 t’April 1999 fejn minkejja l-kontumacja tal-konvenut il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Mariella Gonzi, tas-6 ta’ Lulju 1999, tal-24 ta’ Jannar 2000, tat-12 ta’ Gunju 2000 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju Dr Mariella Gonzi biex il-provi jkomplu jinstemghu quddiem il-Qorti stess, tal-1 ta’ Novembru 2000 fejn xehdu Anna Bartolo Gauci u l-attrici Sylvana Farrugia, tat-2 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti regghet innominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Mariella Gonzi biex tkompli tigbor il-provi u tat-2 ta’ Mejju 2001, tat-13 ta’ Novembru 2001, tal-21 ta’ Marzu 2002 u tad-19 ta’ Gunju 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta w in vista tal-verbal tal-

Assistent Gudizzjarju li l-provi nghalqu, l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-3 ta’ Dicembru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Mariella Gonzi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni maghmula mill-mara kontra r-ragel bazikament ghar-ragunijiet indikati fl-**artikolu 38** li jittratta dwar adulterju u fl-**artikolu 40 tal-Kap 16** li jittratta dwar *“eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attrici jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg tkisser irremedjabbilment”.*

Illi mill-provi prodotti, li jikkonsistu senjatament mix-xhieda tal-attrici jirrizulta li l-attrici meta zzewget kien gja tqila u kellha sbatax-il sena, u zewgha kien gja habbat difru mal-ligi u skonta piena l-Habs ghaliex skond l-attrici *“kellu zewg nisa l-Gzira”.* Il-konvenut weghda li kien ser ibiddel hajtu u jahdem xoghol normali, izda skond hija dan qatt ma ghamlu, hlief ghal tlett (3) xhur mal-*‘Golden Duck”,* xi xhur mad-ditta *“Fritz”* u ftit ma John Refalo bhala *driver.*

Illi pero’ nono*stante* dan l-istess attrici tammetti li flus ghall-hajja dejjem kellha peress li l-konvenut kien jaghtiha manteniment kemm ghaliex kien jilghab loghob ta’ azzard, u ghaliex l-attrici tissusspetta li l-konvenut kellu mara tahdem ghalih il-Gzira ghaliex qalet li sabitlu kontijiet tad-dawl u ilma ta’ post il-Gzira. Apparti dan kien johrog bil-lejl ma certu Francis Bugeja (il-pupu) u jdum barra mal-hbieb, jixrob u anke skond l-attrici jpejjep il-haxixa u anke jiehu l-erojina u kien ikkurat diversi drabi ghall-*overdose.* Skond l-attrici kien isawwatha spiss u wkoll kemm-il darba dahal il-Habs anke l-Ingilterra. L-istess attrici allegat ukoll li l-konvenut kellu relazzjoni ma’ mara ohra u jsostni li kien

iggieled mar-ragel taghha u diversi eposodji ohra bhal dawn elenkati fix-xhieda tal-attrici quddiem l-Assistenta Gudizzjarja fit-28 ta’ Lulju 1999 u 23 ta’ Awissu 1999.

Illi skond l-attrici l-konvenut anke ammetta maghha li kellu relazzjoni ma’ mara identifikata bhala Joyce minn tas-Sliema u li skond l-attrici saret taf li l-konvenut kien ilu jiffrekwentaha ghal erba’ (4) snin u din kienet marret anke il-Habs tarah, u huwa kien ha lil ibnu David ghandha.

Illi giet esebita il-fedina penali tal-istess konvenut bhala Dok. “PF 1” minn fol. 36 sa 51 tal-process minn fejn jirrizulta li l-konvenut kien hati ta’ diversi reati l-ahhar wiehed attentat ta’ serq u sekwestru ta’ persuni li tieghu gie kkundannat seba’ (7) snin prigunerija.

Illi l-attrici sostniet li hija tahdem *part-time* u ghandha paga ta’ Lm73 kull hmistax, u kienet tabita Block 4, Flat 5, Qasam tad-Djar, San Gorg u telqet mid-dar ghaliex allegat li l-konvenut kien issawwatha u dan apparti li kellha problemi bit-tifel meta kellu 20 sena; baqa’ jheddidha anke fil-Qorti u anke lill-avukat taghha.

Illi omm l-attrici kkonfermat fix-xhieda taghha tas-16 ta’ Ottubru 2001 li hija kemm-il darba laqghet lill-attrici d-dar taghha wara li l-konvenut kien isawwatha, u anke semmiet episodji meta kellha tmur l-iSptar minhabba s-swat, u fil-fatt xehdet dwar diversi incidenti li fih kien involut il-konvenut.

Illi minn dan kollu jirrizulta li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fis-sens li ma hemm l-ebda dubju li r-ragunijiet ta’ separazzjoni li fuqhom ibbazat l-azzjoni l-attrici gew ippruvati, u li l-konvenut huwa responsabbli ghall-istess tkissir taz-zwieg, u kien hati ta’ dak kollu li l-attrici allegat dwaru fl-atti tac-citazzjoni attrici, u l-Qorti tordna li ghall-ebda raguni l-istess konvenut ma ghandu jithalla jersaq lejn l-attrici jew l-abitazzjoni taghha.

Illi l-komunjoni ghandha tigi xolta b’effett immedjat, u l-kera tad-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata lill-attrici,

izda *stante* nuqqas ta’ provi ma hemmx x’jigi likwidat u diviz mill-istess.

Illi dwar manteniment, ghalkemm il-konvenut huwa obbligat li jhallas manteniment lill-attrici u lill-bintu minuri ma jirrizultax li l-konvenut ghandu impjieg u allura ma hemm’x manteniment x’jigi ordnat li jithallas, salv kull dritt ta’ l-attrici li f’cirkostanzi differenti tipprocedi ghall hlas tal-istess.

Illi fic-cirkostanzi, li jitkellmu wahedhom, fejn il-konvenut uza vjolenza kemm-il darba fuq l-attrici, apparti aggravji ohra il-hames (5) u s-sitt (6) talba ghandhom ukoll jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa’ t-talbiet attrici** fis-sens hawn premess b’dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba inkompatibbilita' ta' karattru kif ukoll minhabba f’adulterju, swat, sevizzji u ingurji gravi da parti tal-konvenut zewgha.

2. Tordna ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti;

3. Tassenja lill-attrici l-kera tad-dar konjugali hawn isfel indikata u mill-bqija tiddikjara li ma hemmx x’jigi likwidat u diviz izjed fl-istess komunjoni tal-akkwisti *stante* li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-istess kienet tikkonsisti f’oggetti ta’ valur u infatti provi dwar il-konsistenza tal-istess baqghu ma ngabux.

4. Illi f’dan l-istadju filwaqt li tiddikjara li l-attrici ghandha jkollha l-kura u l-kustodja tal-bint il-minuri tal-kontendenti, u li l-konvenut huwa obbligat li jmantni lill-attrici u lill-bintu, *stante* li mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut ghandu xi introjtu ma hemmx rata ta’ manteniment li tista’ tigi stabbilita permezz ta’ din id-decizjoni, b’dan li l-attrici

dejjem ghandha d-dritt li tipprocedi ghall-hlas tal-istess kemm-il darba jirrizulta fil-futur li l-istess konvenut ghandu xi forma ta' dhul, u dan dejjem skond il-ligi.

5. Tiddikjara li l-attrici ghandha d-dritt esklussiv li tghix fil-fond matrimonjali li huwa Block 4, Flat 5, Saint George's Bay, Saint Julian's, u dan bl-eskluzjoni tal-konvenut zewgha, u tordna li l-konvenut ghall-ebda raguni ma ghandu jersaq lejn l-istess attrici u r-residenza u tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata a spejjez attrici u komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija minnufih.

6. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif provdut fl-**artikoli 48, 50, 51 u 52 tal-Kodici Civili.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**3 ta' Dicembru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**3 ta' Dicembru 2002**